**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 13 ta’ Ottubru 2021**

Rikors Numru: 189/21 AL

A B C

vs

D E F

(MR Number 2037/2006)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-14 ta' Novembru 2005 (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied bl-isem ta' G H E F li twieled fit-27 ta' Jannar, 2007 u I E F li twieldet fit-26 ta' Mejju, 2008;

2. Illi l-partijiet sseparaw legalment b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca Portelli fl-20 ta' Lulju 2020, f’liema kuntratt fi klawzola numru disgha (9), huma ddikjaraw li ilhom separati de facto minn Jannar tal-elfejn u hmistax (2015). Illi in effetti l-partijiet ilhom jghixu

separatament minn xulxin minn dak il-perjodu (ara Kuntratt ta' separazzjoni anness bhala Dok B);

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal jghixu separatament minn xulxin, illum ghandhom hajja totalment separata u sahansitra, ffurmaw rabta ma’ terzi persuni;

4. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li l-partijiet kienu ddekadew mid-dritt li li jircievu manteniment bhala koppja mizzewga (klawzola 5 tal-kuntratt tas-separazzjoni) filwaqt li ghat-tfal minuri l-istess manteniment diga gie mhallas interament mir-Ragel bhala lump sum sakemm il-minuri jaghlqu l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena u dan wara li huwa ha somma anqas minn sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti (Klawzola 19 tal-Kuntratt ta' Separazzjoni). Illi ghalhekk ma hemm l-ebda arretrati jew manteniment dovut;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien mholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta’ Gunju, 2021;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Semghet lill-avukat difensur tal-intimat jiddikjara li l-intimat m’ghandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Lulju, 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.